# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru 15**

**Cit. Nru. 2363/00 GCD**

**Britannia Financial Services Ltd.**

**Vs**

**J.B. Holdings Ltd., il-konjugi Charles u Margaret Borg, konjugi Raymond u Rita Borg, konjugi Silvio u Patricia Borg, konjugi John u Ludgarda Borg**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ippremettiet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma bilancjali ta' tlett elef u sitt liri Maltin (Lm3,006.00) bilanc minn somma akbar import ta' kambjala li skadiet fl-04 ta' Gunju 1999 (Dok. "A");

Illi l-konvenuti konjugi Charles u Margaret Borg, il-konjugi Raymond u Rita Borg, il-konjugi Silvio u Patricia Borg u l-konjugi John u Ludgarda Borg kienu dahhlu garanti *"par aval"* in solidum bejniethom ghall-hlas tal-istess kambjala;

Illi s-socjeta` attrici hija awtorizzata mill-Bank Centrali ta' Malta sabiex tiffunzjona bhala istituzzjoni finanzjarja ai termini tal-artikolu 3(1) tal-Att XXII dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji 1994 bil-fakolta` fost ohrajn illi ssellef il-flus (Dok. "B"), u hija awtorizzata illi zzomm imghax bir-rata ta' 14.75% (Dok. "C");

Illi ghalkemm il-konvenuti gew mitluba jissaldaw dan l-ammont huma, filwaqt li ammettew illi l-ammont huwa dovut, baqghu inadempjenti; u

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talbet illi l-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza; u

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici solidalment bejniethom is-somma ta’ Lm3,006.00 tlett elef u sitt liri Maltin dovuti lilha;

Bl-imghax bir-rata ta’ 14.75% mid-data tal-iskadenza tal-kambjala u bl-ispejjez komprizi Lm15 tal-konsult kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm